MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 481/2010

**Avv. Antoine Cremona (11980G) fil-kwalita' ta' mandatarju specjali tas-socjeta' Spanjola Union Trade Marble A.I.E.**

**vs**

**Bottega del Marmista Ltd (C-31345)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat mill-attur nomine nhar it-12 ta' Novembru 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' ghaxart elef, sebgha mija w disgha w tletin Ewro w sebgha w sebghin centezmu (€10,749.77), liema ammont jirrapprezenta bilanc dovut fuq merkanizija ta' rham ordnata minnha w konsenjata mis-socjeta' estera Union Trade Marble A.I.E. fuq inkarigu taghha stess ai termini tal-fatturi riportati fir-

rendikont anness u mmarkat bhala Dok UTM 1. Is-socjeta' konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Bottega Del Marmista Limited (C31345) fejn esponiet is-segwenti:-

*1. "Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti u f'kull kaz it-talba ta' l-attur nomine hija preskritta ai termini tal-artikolu* ***2156(f) tal-Kap 16*** *tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet precedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
*3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mll-ligi."*

Rat id-dokumentazzjoni esebita, l-*invoice* tas-socjeta' Union Trade Marble A.I.E. mibghuta lis-socjeta' konvenuta datata 28 ta' Settembru 2005 esebita a fol. 8 tal-process u l-fattura relattiva datata 2 ta' Awwissu 2005 esebita a fol. 18 tal-process.
Rat ukoll li dan ir-rikors odjern gie prezentat il-Qorti nhar it-12 ta' Novembru 2010.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza seduta stante nhar is-27 ta' Settembru 2011 fejn l-avukat difensur tal-attur iddikjarat li l-azzjoni mhix preskritta ghaliex kien hemm rikonoxximent tad-debitu, filwaqt li s-socjeta' konvenuta insistiet li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u dan ghaliex ghaddew aktar minn hames snin minn meta saret l-ordni u l-konsenja relattiva sakemm gie prezentat ir-rikors odjern, u in oltre sostniet li mill-atti processwali ma jirrizulta li sar l-ebda rikoxximent tad-debitu.

Ikkunsidrat:

Jinghad li f'din il-kawza l-provi prodotti huma fjakki hafna u kull ma jirrizulta huma zewg dokumenti li ntbaghtu mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Ma jirrizultax li kien hemm xi atti gudizzjarji li gew skambjati bejn il-partijiet. L-avukat difensur tal-attur ghamlet referenza ghal xi cekkijiet li allegatament inhargu mis-socjeta' konvenuta favur

taghhom, izda dawn ma gewx esebiti w ghalhekk il-Qorti trid tiskarta dak li ntqal f'dan ir-rigward. Semmiet ukoll xi *e-mail* li giet mibghuta lilhom mis-socjeta' konvenuta, fejn allegatament kien hemm xi rikonoxximent tad-debitu, ghaliex intalab zmien ulterjuri sabiex isir il-hlas, izda dan id-dokument ukoll ma giex esebit fl-atti, w ghalhekk m'ghandux jitqies bhala prova.

Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha.

*Ad exemplum*:-

(1) L-inapplikabilita` ghal meritu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika;
(2) Is-sospensjoni;
(3) L-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju **(Artikolu 2128, Kodici Civili**) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni.

Dwar dak li ssottomettiet l-avukat difensur tal-attur dwar ir-rikoxximent tad-dejn, issir referenza ghas-sentenza moghtija nhar it-28 ta April 2004 fl-ismijiet **Joseph Cassar Noe Vs Sunny Muscat** fejn inghad li :-

*"Ir-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra li titratta l-istess suggett moghtija nhar id-9 ta' Mejju 2005 mill-Qorti

ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Austin Psaila vs Lother Slabick</u>** fejn inghad li :-

*“Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat* ***<u>Artikolu 2133</u>*** *jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont* ***<u>(Artikolu 2134),</u>*** *l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

*Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.*

*L-accertament ta' l-ezistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit.”*

Ghalhekk in vista tal-premess u fin-nuqqas ta’ provi prodotti, jirrzulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-merkanzija li giet ordnata mis-socjeta’ konvenuta giet konsenjata jew ahjar spedita lilha nhar it-2 ta’ Awwissu 2005 filwaqt li r-

rikors odjern gie prezentat il-Qorti nhar it-12 ta' Novembru 2010 u ghalhekk wara l-perijodu preskrittiv ta' hames snin.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed takkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors.**

**Tordna wkoll li l-attur nomine jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------